**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.**

Seduta tal-21 ta' Gunju 2022

Il-Pulizija

(Spettur Lydon Zammit

Spettur Stehen Gulia)

Vs

Tony Armando Zahra

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Tony Armando Zahra ta ' 46 sena iben Freddie Alfred u Elizabeth Frances xebba Craig imwieled 21 ta Lulju 1975 gewwa l-Ingilterra detentur tal-Karta ta' l-Identita 72688M u resident 22, Frankfurt Flat 4 Triq il-Kavetta San Pawl il-Bahjar :

1) Talli nhar is-17 ta' Marzu 2022 ghall-habta ta'23:30 hrs ta' bil-lejl u fil-granet ta' qabel gewwa l-Gzejjer Maltin naqas milli jhares il-kundizzjonijet impost fuqu mill-Qorti Kriminali (Malta) Imhallef Onor Dr Edwina Grima MA LLD fid-digriet taghha tal-15

ta’ Dicembru 2021 li bih tat il-helsien mill-arrest u li gie varjat mill-Qorti Kriminali (Malta ) Imhallef Onor Dr Edwina Grima MA LLD fid-digriet taghha tat-3 ta’ Frar 2022;

2) Talli nhar is-17 ta’ Marzu ghal habta ta 23:30 hrs gewwa Gnien Kunsill ta’ L-Ewropa li jinsab fix-Xatt ta’ Xbiex Ta Xbiex u fl-inhawi madwar ma obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Ispettur Stephen Gulia u S-Surgent 965 Maverick Camilleri li huma ufficjali tal-Pulizija nkarigati minn servizz pubbliku jew ma halliex jew fixkilhom waqt li kienu qieghdin jaghmlu id-dmirijet taghhom jew b’xi mod iehor bla jedd indahal fi dmirhom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b’ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b’xi mod iehor li jkun kemm il-darba din id- disubbidjenza jew dan l-indhil ma jkunx jaqghu taht dispozizzjoni ohra ta’dan il-Kodici jew ta’ ligi ohra;
3) U aktar talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi garr ‘il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta jew bil-ponta ta’ liema xorta jkun minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;
4) U aktar talli fl-istess hinijiet lok u cirkustanza irrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-Kapoitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta permess ta’ sentenzi moghtija fil-konfront tieghu, mill-Qrati ta’ Malta liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jinbiddlu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta sabiex fi kaz ta` htija tikkundanna l-akkuzat ghall-hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti.

Rat l-atti kollha tal- kaz fl-imkien mad-dokumenti kollha ezibiti.

Rat li fis-seduta tas-17 ta’ Mejju l-imputat ammetta l-imputazzjonijet. Hu gie imwissi mill- Qorti bl-aktar mod

solenni rigwardanti l-konsegwenza tal-ammissjoni tieghu ghall-imputazzjonijet kontestati lilu inkluzi li iminhabba n-natura tar-rejat il-Qorti setghet tghaddi biex issibu hati u tikkundannah ghal piena li tista' tkun anke wahda karcerarja jew pieni ohra statutorji. Il-Qorti wara li taghtu zmien bizzejjed sabiex anke jilkkonsulta mal-Avukat Difensur tieghu u jiddeciedi jekk hux sejjer jerga lura mill-ammissjoni registrata minnu semghat lill-imputat itenni li huwa hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih Rat l-ammissjoni fi stadju bikri tal-kaz.

Jigi rilevat li ma tressqu l-ebda provi dwar dak mitlub fir-raba' talba.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 579(1)(2) , 338(ee) 49 u 50 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 6 u 51(7) tal-Kap 480 tal-ligijet ta' Malta.

Ikkunsiderat

Illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stat bikri tal-proceduri u dan ser jittiehed in konsiderazzjoni minn din il-Qort

Decide

Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-ammissjoni ta` l-istess imputat, l-Qorti issib l-imputat hati tal-ewwel tlett imputazjonijiet migjua kontrih izda nonostante l-ammissjoni tal-istess imputat ma tistax issibu hati tar-raba, imputazzjoni stante li ma hemm l-ebda prova rigwardanti l-istessi U

1. rigwardanti l-ewwel imputazzjoni  tikkundannah ghaxar (10) xhur prigunerija effettivi li minnhom ghandu jitnaqqas iz-zmien illi ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni mal-kawza odjerna;
2. tordna il-garanzija personali ta’ ghoxrin elf Ewro Maltin (ewro 20,000) stabbiliti fid-digriet tal-helsien mill-arrest moghtija mill-Imhallef Edwina Grima tal- 15 ta` Dicembru 2021 kif varjat mill-istess Imhallef Edwina Grima fit-3 ta’ Frar 2022 m’ghandhiex tigi konvertit favur il-Gvern ta’ Malta minhabba l-ksur tal-kundizzjonijiet impost fid-digriet mhumiex ta’ konsegwenza serja;
3. tirrevoka l-helsien mill-arrest tal-imputat moghti taht id-digriet kif emendat imsemmi u tordna li l-imputat jigi arrestat mill-gdid wara li jiskonta l-piena karcerarja fuq imsemmija;
4. rigwardanti it-tieni imputazzjoni  jigi ordnat ihallas multa ta’ mitt ewro (Ewro 100).
5. Rigwardanti t-tielet imputazzjoni timponi multa ta’ewro mija u sittax u erbgha u sittin (ewro  116.46).

**Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**